MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2008

Numru 137/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**
**(Spettur Alexander Grech)**

**vs**

**Emma Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Emma Grech ta' 19 sena bint Emanuel u Susanne nee' Lee, imwielda Zabbar, fil-31 ta' Marzu 1988 u toqghod Nru. 8 Il-Girna, Triq Melqart, Marsaxlokk. I.D. Card No. 176688(M) giet akkuzata talli:

Nhar il-15 ta’ Frar, 2008 u fix-xhur ta’ qabel din id-data b’diversi atti maghmulin minnha, wkoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda u dan bi ksur ta’ artikolu nru. 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U talli fis-7 ta’ Frar, 2008, 10 ta’ Frar, 2008, u 13 ta’ Frar, 2008 u fi granet ohra fil-Fgura, San Giljan, Wied il-Ghajn u postijiet ohra, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, ghamlet qliegh ta’ Ewro 2,440 cioe’ Lm 1,048 ghad-dannu ta’ Michael Zammit minn San Gwann, David Delicata minn tas-Sliema, Toni Grixti minn Wied il-Ghajn, Pauline Scicluna minn Ghawdex, ghad-dannu ta’ B.O.V. u ghad-dannu ta’ persuni ohra u dan bi ksur tal-artikolu 308 u 310(1a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkustanzi bi hsara ta’ haddiehor, ghamlet qliegh iehor b’qerq ghad-dannu tal-imsemmija Michael Zammit minn San Gwann, David Delicata minn tas-Sliema, Toni Grixti minn Wied il-Ghajn, Pauline Scicluna minn Ghawdex, ghad-dannu tal-B.O.V. u ghad-dannu ta’ persuni ohra u dan bi ksur tal-artikolu 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat fuq akkont ta’ terzi persuni b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu iffurmati, inkella billi ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe’ Cheque Book tal-Bank of Valletta u dan bi ksur tal-artikolu 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skritturi foloz, jigifieri

Cheque Book  u dan bi ksur tal-artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U wkoll talli, fis-7 ta' Frar, 2008 ghal habta ta' xi 2.00 pm ikkommettiet serq ta' basket li kien fih Lm50 fi flus kontanti, cwievet, cashlink card mahruga mill-Bank of Valletta, H.S.B.C. Visa Card, u karta ta' l-identita Nru. 537065(M) mahruga f'isem Pauline Scicluna u affarijiet ohra li l-valur taghhom huwa ta' aktar minn mitt lira Maltin mill-Gallarija Shopping Complex, sitwat fi Triq Zabbar, Fgura ghad-dannu ta' Pauline Scicluna minn Ghawdex u dan bi ksur tal-artikoli 261(c) u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkustanzi ikkommettiet serq bl-istess Cheque Book u dan billi ghamlet uzu mill-istess Cheque Book ghad-dannu tal-istess Michael Zammit minn San Gwann, David Delicata minn tas-Sliema, Toni Grixti minn Wied il-Ghajn, Pauline Scicluna minn Ghawdex, ghad-dannu tal-B.O.V. u ghad-dannu ta' persuni ohra u dan bi ksur tal-artikolu 261(c), 267 u 279(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkustanzi f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtrat jew laqghat ghandha hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fil-15 ta' Frar, 2008 ghal habta ta' xi 10.30 pm waqt li kienet arrestata fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid harbet mill-post ta' kustodja u dan bi ksur tal-artikoli 153(a) u 160 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fil-15 ta' Frar, 2008, 14 ta' Frar, 2008 u fi granet ohra fil-Hamrun, Bormla, Zabbar, Bir id-Deheb u postijiet ohra, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq

haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, ghamlet qliegh globali ta’ Ewro 2,538 cioe’ Lm 1,089 ghad-dannu ta’ Mario Carabott minn B’Kara, Joseph Ghiller minn Bormla, Darren Grima mill-Gzira, ghad-dannu tal-B.O.V. u ghad-dannu ta’ persuni ohra u dan bi ksur tal-artikolu 308 u 310 (1a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkustanzi bi hsara ta’ haddiehor, ghamlet qligh iehor b’qerq ghad-dannu tal-imsemmija Mario Carabott minn B’Kara, Joseph Ghiller minn Bormla, Darren Grima mill-Gzira, ghad-dannu ta’ B.O.V. u ghad-dannu ta’ persuni ohra u dan bi ksur tal-artikolu 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat fuq akkont ta’ terzi persuni b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu iffurmati, inkella billi ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe’ Cheque Book tal-Bank of Valletta u dan bi ksur tal-artikolu 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skritturi foloz, jigifieri Cheque Book u dan bi ksur tal-artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli b’hekk kisret il-kundizzjonijiet li gew imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. SZA1 u nnutat li l-imputata Emma Grech m’ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputata iddikjarat li hija hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghta ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr Charmaine Cherrett ghall-imputata iddikjarat li l-imputata ghandha problema serja ta' abbuz tad-droga.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 18, 31, 152, 153(a), 160, 183, 184, 261(c), 267, 279(b), 308, 309, 310(1)(a) u 334 tal-Kap. 9 u l-artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Emma Grech, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imsemmija imputata Emma Grech ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) u sitt (6) xhur prigunerija.

Fid-dawl ta' dak dikjarat minn Dr Charmaine Cherrett ghall-imputata fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputata ghandha problema serja ta' abbuz tad-droga, il-Qorti tirrakommanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jara kif l-ahjar tkun assistita l-imsemmija imputata biex din telgheb il-vizzju tad-droga.

Finalment tordna li kopja ta' din is-Sentenza tigi notifikata lir-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------